

*Soirée Littéraire*

b'tifkira ta'

# GUZE MUSCAT AZZOPARDI

bil-Patroċinju ta'

L-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Arċisqof Metropolita,

MICHAEL GONZI,

u bl-Awspiċju ta'

Il-Kumitat Ċiviku tal-Belt u l-Akkademja tal-Malti,

fit-Teatru Manoel, Valletta,

**nhar is-Sibt, 20 ta' Gunju 1970, fis-6.30 p.m.**

296

# PROGRAMM

*"Is-Sentiment Pajżan ta' Ġużè Muscat Azzopardi"*: taħdita ta' Il-Kav. Professur Ġ. Galea, M.B.E., K.M., M.D., D.P.H., F.R.S.H., President, Akkademja tal-Malti.

*"Fil-Mewt ta' Ġużè Muscat Azzopardi"*: eleġija ta' "Dun Karm", Poeta Nazzjonali.
Dr. Wallace Ph. Gulia, LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A., D.P.A.

*"It-Tmienja ta' Settembru"*: 8.IX.1911, poeżija patrijottika.
L-Imħallef Professur J.J. Cremona, B.A., LL.D., D.Litt., B.A.Hons., Ph.D., F.R.Hist.S., Viċi-President tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-Qorti tal-Appell tal-M.T. r-Reġina, u Mħallef tal-Qorti Ewropew tal-Jeddijiet tal-Bniedem.

*"Le Bellezze del Mattino"*: 1873, poeżija anakreontika.
Dr. George Zammit, B.A., B.D., LL.D.

*"Rammenta un tanto Amor!"*: Marzu, 1874, versi.
Nutar Dr. Vincenzo Maria Pellegrini, LL.D.

*"Alla Vergine del Carmelo"*: 16.VII.1882, "canzone" lil 'Marija'.
L-Imħallef Dr. Edoardo Magri, LL.D.

*"Is-Susa"*. 11.VIII.1906, poeżija b'tifsira għal kull bniedem.
Professur Philip Farrugia, M.D., B.Sc., Ph.C., F.R.I.C.

*"Il-Musa"*: 20.VIII.1910, "canzone" lill-Poeżija.
Godfrey Zarb Adami, Segretarju Onorarju, Akkademja tal-Malti.

*"Ġużè Muscat Azzopardi fit-Teatru Malti"*: kitba ta' Gino Muscat Azzopardi.
Erin Serracino Inglott, Awtur ta' Drammi bil-Malti u persuna jiftakar personalment lil Ġ.M.A.

---

*"Il-Ġurament"*: editorjal ta' Ġ.M.A. fi Il-Ħabib, 6.VI.1912.
Onor Dr. Emanuel Bonnici, B.A., LL.D., M.P. President, Kumitat Ċiviku tal-Belt.

*"Marsaxlokk"*: 18.IX.1918, sunett ifakkar fis-sbuħija ta' 'Din l-Art Ħelwa'.
Joseph Spiteri, Segretarju Onorarju, Kumitat Ċiviku tal-Belt.

*"Il-Baħar"*: 5.VIII.1908, poeżija mnebbħa mill-ħsieb tal-kobor ta' Sid il-Ħolqien.
Nutar Dr. Jos. Cachia, LL.D.

*"Sawl ta' Tarsu"*: poeżija b'tifkira tal-'Appostlu tal-Ġentili'.
Wisq Rev. Kan. Ant. Galea, B.A., Lic.D.
Arcipriet Koadjutur, Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu, Valletta.

*"Pietru u Ġanni"*: silta minn Il-Maħbub ta' Ġesù, 1908.
Wisq Rev. Patri Salv. Portelli, O.S.A., Kappillan tal-Parroċċa ta' S. Wistin, Valletta.

*"Is-Sliema Għalik Marija"*: 15.VII.1899, poeżija saffika.

*"Lil Marija"*: (1900), "talba fl-iċken sunett", fi kliem Ġ.M.A.
Wisq Rev. Patri H. Darmanin, O.P., Kappillan tal-Parroċċa tal-'Porto Salvo', Valletta.

*"Nazju Ellul"*: silta mir-Rumanz li deher fl-1909 u magħruf għall-isem li bena għal Dun Mikiel Xerri bħala Patrijott Malti.
Onor. Dr. Ant. Buttigieg, B.A., LL.D., M.P.

*Jitħabbru l-Awturi tal-ewwel u tat-tieni novella rebbieħa fil-Konkors ta' Novelli.*

*"Tifkiret dwar Ġużè Muscat Azzopardi"*.
L-E.T. Mons. Arċisqof Metropolita, Michael Gonzi.

INNU MALTI

Preżentazzjoni u għażla tal-Programm
fi ħsieb Anton Agius Muscat,
Organizzatur tas-'Soirée Littéraire'.

## *Għalfejn din is-"Soirée Littéraire"?*

Il-Belt Valletta tista' titkabbar bi storja ħajja ta' mijiet ta' snin mill-jum tat-28 ta' Marzu 1566, meta saret festa kbira tat-tqegħid tal-ewwel ġebla. Il-qalbieni Gran Mastru Jean de la Valette, wara x-xhur ta' taqbid aħrax magħruf fl-istorja bħala l-Assedju l-Kbir ta' Malta, 1565, deherlu ħtieġlu jibni belt ġdida fuq il-għoljiet imsemmija Xebb ir-Ras u Xagħret Mewwija, ħalli l-Ordni ta' San Ġwann jkollha l-wens ta' belt-fortizza ġdida.

Illum kull min jagħżel idur madwar il-Belt jista' jara b'għajnejh xhieda ħajja tax-xogħol ta' bini ta' swar, fortizzi, palazzi, djar, bereġ, knejjes, kunventi . . . kollha jiġbru fihom l-ġrajja mżewqa u mċewna tagħhom.

Il-Belt Valletta, bil-jedd kollu, nistgħu nqisuha waħdiena fil-għamla u x-xeħta tagħha. Inbniet 'minn ġentlomi għal ġentlomi', kif sejħulha. Matul is-snin li għaddew minn fuqha, il-Belt sabet ruħha fil-qalba tat-taqlib tal-ġrajjiet f'Malta. Għalhekk, mhux biss nistgħu ngħidu kull fejn indawru ħarsitna nilmħu tifkiriet tal-imgħoddi; hekk ukoll il-Belt Valletta qdiet għal snin fuq snin ta' dar għal min għamel isem f'kull qasam tal-ġrajja u tal-kultura Maltija.

Wieħed minn dawn il-Maltin huwa l-Kavallier ĠUŻÈ MUSCAT AZZOPARDI, P.L., P.E.P., B.M. Iż-żmien li fih huwa għax u miet jiftakar fil-Belt ħajja ta' sura u lemħa oħra milli nafuha llum. B'danakollu, ix-xogħol li huwa ndaħal għalih ma mietx mas-snin li għaddew. Ix-xogħol tiegħu baqa' ħaj u warrad mas-snin. Imiss lilna niftakru fih. Lil Ġużè Muscat Azzopardi minn żmienu żammewh bħala 'Missier il-Letteratura Maltija'. Kien persuna magħrufa fi żmienu mhux biss fil-Belt: ma' Malta kollha kif iddur.

Xieraq għalhekk, fl-ewwel snin ta' Malta Indipendenti, meta l-Kumitat Ċiviku tal-Belt ra l-ħajja (1969), illi l-Għaqdiet Beltin u l-Akkademja tal-Malti jagħtu l-awspiċju tagħhom lit-tifkira ta' Ġużè Muscat Azzopardi, bħala Malti li ħabrek sewwa fil-qasam letterarju tal-kultura Maltija. Is-"Soirée Littéraire" nhar is-Sibt, 20 ta' Ġunju 1970, fit-Teatru Manoel, għandha tfakkar lix-xjuħ u tgħallem liż-żgħażagħ dwar dan il-Malti. Kif ukoll, dis-sena sejra titwaħħal irħama ta' tifkira mad-dar fejn Ġużè Muscat Azzopardi għammar u miet: fi Triq Marsamxett kantuniera ma' Triq Santa Luċija, biswit is-sur magħruf bħala 'San Salvatore'. Għal nhar is-"Soirée Littéraire" tnieda konkors ta' Novelli bil-Malti, u talbuni nkun president tal-ġurija, flimkien man-Nutar Dr. Jos. Cachia, LL.D., u l-Onor. Avukat Jos. Micallef Stafrace, B.A., LL.D., M.P. Għal dan il-konkors daħlu sitta u erbgħin novella, miktubin minn żgħażagħ u mhumiex, minn Malta u minn Għawdex. Konkors bħal dan kien jilqgħu u jfaħħru 'Is-Sur Ġużè' li kieku qiegħed magħna llum, għax bħala wieħed Malti medhi bi ħwejjeġ letterarji, ħsiebu dejjem jixtieq jara min jinxteħet jagħtiha għal xogħol ta' kitba ħalli tissaħħaħ il-kultura Maltija.

Il-ħsieb tal-organizzatur tas-"Soirée Littéraire", is-Sur Anton Agius Muscat, jinfirex aktar milli niftakru fil-Kavallier Ġużè Muscat Azzopardi bħala Malti li 'għaraf ta' ħajtu s-siwi', kif sejjaħlu Dun Karm, il-Poeta Nazzjonali Malti. Kemm il-Għaqdiet Beltin, kemm l-Akkademja tal-Malti, u kemm l-organizzatur, jixtiequ din is-"Soirée Littéraire" tkun ta' Edukazzjoni Ċivika, kemm għall-Beltin, u kemm għaż-żgħażagħ Maltin tagħna kollha. Fiż-żgħażagħ Maltin qiegħda t-tama tal Maltin kollha għal ġejjieni aħjar fi ħdan Malta Indipendenti, kburija biha nfisha, daqskemm fl-imgħoddi x-xjuħ Maltin għarfu jkunu kburn bihom infushom bħala Maltin.

**Onor. Avukat EMANUEL BONNICI, B.A., LL.D., M.P.**

Valletta, 20.VI.1970.

## *Grazzi jisthoqq lil:*

L-E.T. Mons. Arċisqof Metropolita, Michael Gonzi;

L-Onor. Dr. Paolo Borg Olivier, Ministru tal-Edukazzjoni, Kultura u Turiżmu;

Il-Maġġur Victor J. Castillo, Segretarju tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura u Turiżmu;

Il-President u l-Membri tal-Kumitat tat-Teatru Manoel;

Il-Presidenti u l-Membri tal-Kumitat Ċiviku tal-Belt u tal-Akkademja tal-Malti;

Is-Sur Gino Muscat Azzopardi, li offra l-ewwel premju ta' £10 għall-Konkors ta' Novelli;

L-Onor. Avukat Emanuel Bonnici, in-Nutar Jos. Cachia, u l-Onor. Avukat Jos. Micallef Stafrace, li barra li offrew it-tieni premju ta' £6, għamluha ta' ġudikanti għall-Konkors;

Is-Sinjuri kollha li ħadu sehem, u wkoll dawk kollha li b'ħaġa jew b'oħra taw il-għajnuna tagħhom sabiex issir din is-"Soirée Littéraire".

*a.a.m.*

*Bħala kontribut għall-kultura Maltija u b'tifkira ta' ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI, l-organizzatur ta' din is-"Soirée Littéraire" fi ħsiebu jistampa f'ġabra kemm il-kitba, "Is-Sentiment Pajżan ta' G.M.A.", tal-Professur G. Galea; kemm "G.M.A. fit-Teatru Malti", ta' Gino Muscat Azzopardi; kif ukoll studju tiegħu dwar G.M.A. Il-ġabra jkollha wkoll għadd ta' ritratti storiċi dwar G.M.A., barra xempju ta' kitba manuskritt ta' Ġużè Muscat-Azzopardi.*